TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 27

It Tlieta, 28 ta’ Settembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta’ Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-3.30 p.m.

Is-Sindku, Keith Tanti ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti is-Sindku, Keith Tanti, il-Vici Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Anthony Camilleri u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 26 li saret nhar it-Tlieta, 24 ta' Awwissu, 2021, kienu approvati.

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Josef Fitzpatrick li nforma li kien xoghol (Appendici A). Huwa gie skuzat.

**3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

*3.1* Ma kienx hemm hwejjeg li jirrizultaw mill-minuti.

**4 AUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2020**

*4.1* Tressqu quddiem il-Kunsill l-Audited Financial Statements ghas-sena 2020 (Appendici A). Wara li saru xi aggustamenti mill-awdituri, il-Kunsill approva b'mod unanimu dawn il-Financial Statements.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Awdituri talbu lill-Kunsill sabiex inehhi mill-kotba tieghu €90,000, €45,000 kull sena ghal sentejn, li kienu qed jidhru li l-Kunsill ghandu jircievi minghand Steward Healthcare dwar il-car park. Minhabba li ghadda hafna zmien u dawn baqghu ma gewx mghoddija lilu, l-Awdituri talbu lill-Kunsill inehhi dawn mill-kotba. Dan irrizulta f'negative working capital ghas-sena li ghalqet f'Dicembru 2020. Ghalhekk, il-Kunsill irid jaghmel minn kollox sabiex dan l-izbilanc jitnehha fl-iqsar zmien possibli, kif ukoll jibqa' jinsisti sabiex dawn il-fondi jinghatawlu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**5 KORRISPONDENZA**

*5.1* Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

**6 MISTOQSIJIET**

*6.1* Il-Kunsillier Pisani staqsa fiex wasal ix-xoghol fi Pjazza Madonna ta' Fatima. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li x-xoghol fil-Pjazza mexa sew. Il-Kunsill qieghed jistenna sabiex jiffirma l-ftehim mad-DPF u jkun jista' jkompli bix-xoghlijiet fosthom it-twahhil tal-fanali, bankijiet etc.

***6.2*** Il-Kunsillier Pisani staqsa wkoll fiex kien wasal ix-xoghol fi Pjazza San Luqa. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hemm process ghaddej mal-Lands Authority u kif jitlesta, finalment ix-xoghol ikun jista' jigi fi tmiemu.

***6.3*** Il-Kunsillier Camilleri fakkar jekk fil-bidu ta' Telghet Gwardamangia, fil-genb tad-Detox tistax issir grada. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jitkellem mal-isptar dwar dan.

***6.4*** Il-Kunsillier Pisani staqsa wkoll ghaliex il-buses m'ghadhomx jghaddu mill-Bus Lane fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku wiegeb li hu jkollu wkoll dik id-domanda u jirrispondi li minhabba l-ilmenti li kien ikun hemm f'dan ir-rigward, huwa ahjar li ma jghaddux.

## 7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*7.1* Is-Sindku qal li r-Regjun Centru se jerga' johrog l-iskema sabiex il-Kunsilli Lokali membri tar-Regjun Centru japplikaw sabiex jaghmlu d-dawl tal-Milied fit-toroq. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintefqu flus fuq dan id-dawl skond kemm jinghata minn din l-iskema tar-Regjun Centru.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 26. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 9. TMIEM

***9.1*** Fl-4.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru, 2021, fit-3.30pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Keith Tanti
Sindku